A.L. 439 ta' l-2004

ATT DWAR IR-RADJOKOMUNIKAZZJONI (KAP. 49)

Regolamenti ta' 2004 dwar ir-Radjokomunikazzjoni (Proċeduri dwar Penali u Ftehim Volontarju ta' Tilwimiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 6 u 19 ta' l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni, il-Ministru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' 2004 dwar ir-Radjokomunikazzjoni (Proċeduri dwar Penali u Ftehim Volontarju ta' Tilwimiet).

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx xort' oħra:

Kap. 49.

"l-Att" ifisser l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni;

"il-Ministru" ifisser il-Ministru responsabbli għall-komunikazzjoni.

Ħlas ta' penali minflok prosekuzzjoni.

3. (1) Il-Ministru jista', dwar reat li jsir għall-ewwel darba u li għalih japplika l-artikolu 6 ta' l-Att, jagħmel ftehim bil-miktub mal-ħati li permezz tiegħu u skond il-proviso ma' dak l-artikolu, dak il-ħati jħallas is-somma ta' mitt lira.

(2) Hekk kif dak il-ftehim jiġi ffirmat mill-Ministru u mill-ħati, u jsir il-ħlas ta' dik is-somma mill-ħati, għandha ttemm kull responsabbiltà kriminali tal-ħati dwar dak ir-reat.

(3) Il-Ministru jista' jagħmel kull ftehim bħal dak mal-ħati assoġġettat ukoll għal li l-ħati jċedi dak l-apparat li jkollu x'jaqsam mar-reat, favur il-Gvern jew xi awtorità pubblika jew aġenzija skond ma l-Ministru jista' jsemmi.

Proċedura meta persuna jkollha liċenza u tonqos milli tħallas id-dritt dovut.

4. (1) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 6 ta' l-Att u tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, l-ebda azzjoni ma għandha tittieħed kontra persuna illi, għax kellha liċenza tar-radjokomunikazzjoni u tkun naqset li tħallas id-dritt dovut għat-tiġdid tagħha, tħallas fi żmien

tletin jum mill-għeluq ta' dik il-liċenza jew sa dak il-perjodu itwal li l-Ministru jista' jippermetti, il-ħlas tal-liċenza dovut għat-tiġdid tal-liċenza:

(2) Ma għandha tittieħed ebda azzjoni jekk, wara li jiskadi dak il-perjodu ta' tletin jum jew dak il-perijodu itwal li l-Ministru jista' jippermetti, dik il-persuna tħallas f'uffiċċju skond ma jiġi indikat f'talba li ssirilha, fi żmien sebat ijiem minn meta tkun saritilha dik it-talba bil-miktub, penali ta' ħames liri b'żieda mad-dritt dovut għat-tiġdid ta' dik il-liċenza.

It-tiġdid ta' liċenza isir wara l-ħlas dovut.

5. Fil-każ li xi multa, ħlas amministrattiv jew penali jkunu dovuti taħt dawn ir-regolamenti jew taħt l-artikolu 6 ta' l-Att, liċenza maħruġa taħt l-Att ma għandhiex tiġġedded kemm-il darba, flimkien mad-dritt dovut, dik il-persuna ma tkunx ħallset dik il-multa, ħlas amministrattiv jew penali skond ma jistgħu jkunu dovuti.